VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,871, 29 ta' Settembru, 2017
Taqsima B

A.L. 258 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2017 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Licentiate in Sacred Theology – S.Th.L. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teoloġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81 (1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2017 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-grad ta' Licentiate in Sacred Theology – S.Th.L. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-grad ta' Licentiate in Sacred Theology – S.Th.L. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 206 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 8 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 15,000 – 20,000 kelma skont il-linji gwida maħruġin mill-Bord."